KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 61

Il-wieħed u sittin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar l-Erbgħa 17 ta' Mejju 2023 fis-6pm ġo sala ġewwa Piazetta.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Emanuel Borg | Kunsillier |
| | Tony Galea | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Vivian Galea Pace | Kunsilliera |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | Anton Debono | Viċi-Sindku |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| **ASSENTI** | n/a | n/a |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard [online minħabba raġunijiet ta' mard] | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistent Uffiċjal Prinċipali |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-18:30:*
*61.1 Qari tal-ittri ta' apologij ;*
*61.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 60;*
*61.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*61.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri*
*61.5 Rapporti*
*61.6 Items Oħra ;*
*61.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u jew/sotto Kumitati ;*
*61.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*61.9 Mozzjonijiet ;*
*61.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;*

## 61.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

61.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-kunsillieri D.Soler, K.Wain, W.Vella Baldacchino u Pierre Portelli talbu biex ikunu skużati. L-apoloġiji tagħhom ġew approvati.

## 61.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 60

61.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Minuti nru. 60 intbagħtu u għandom jiġu meħuda bħala moqrija. Il-kunsillier E.Borg ppropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier D.Muscat issekondaħ. Kien hemm qbil unanimu u l-Minuti jiġu approvati. *Approvazzjoni tal-Minuti 60*

61.2.2 B'referenza għal punt 60.3.4 is-Sindku informa li l-laqgħa mas-CEO tal-ARMS Saret fejn avza li ma tantx jista jgħin għaliex huma jiġbru l-flus biss u ma jidħlux fl-istorja tal-kontijiet eżistenti. Qal illi wara saret laqgħa wkoll mas-CEO tal-WSC dwar il-leaks. Hu avza li la mhumiex 'residential' m'hemmx lok biex niħedu rimbors tal-flejjes. Fakkar illi l-Kunsill dejjem ħallas taħt protesta mis-sena 2019. *Kontijiet tal-ARMS*

**Il-kunsillier P.Radmilli daħal fis-18:42**

61.2.3 B'referenza għal punt 60.2.5, dwar il-monument ta' Bisazza, is-Sindku qal illi kien hemm tightclips illi tneħħew, bir-riħ, u b'hekk sar il-ħsara li hemm fuq il-monument. Wara diskussjoni kien hemm qbil sabiex isir talba lill-Ministru biex mill-fondi li se nieħdu, nagħmlu monument ġdid u mhux tiswija biss. Is-Sindku qal illi ġie informat illi f'talli każ m'hemmx copyright issues mingħand min għamel il-monument qabel. Għall-preżent se jsir hoardings sabiex nevitaw *Monument Bisazza*
61.2.3 perikli.

**61.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

61.3.1 Is-Sindku qal illi wara l-aħħar laqgħa intbagħtet l-istudju li saret fil-passat dwar il-ħsarat ta' Għar id-Dud fejn issa hemm izjed perikli. Qal illi għamel kuntatt mas-Supretendet, Ombudsman u Public Works u l-Kunsill għamel rapport lill-pulizija. Intbagħtet ukoll emajl lil-Public Works sabiex isir intervent. Kien hemm qbil illi ssir Press Conference jekk ma jsir xejn. Ghar id Dud

61.3.2 Is-Sindku ikkonferma se jsiru il-fanali ta' Għar id-Dud, dawk ta' bejn Zara u Inglott, kif ukoll dawk ta' Qui Si Sana, in-naħa tat-triq. Fanali Ghar id-Dud

61.3.3 Is-Sindku qal illi l-Council Cab hi lesta u talab konferma meta tista ssir launch. Il-Kunsill se jara mall-Imperial sabiex isir barra l-propjeta tagħhom, jew inkella ġewwa Pjazza Lunzjata. Fuq dan il-punt is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien mar japplika għall-Government Grant izda TM avzaw li mhix applikabbli għall-Kunsill din is-sena. Fakkar illi l-karozza kella tasal is-sena l-oħra izda kien hemm problemi minħabba l-parts. Qal illi hu diġa infurmat illi hemm kunsilli oħra bl-istess problema. Kien hemm qbil illi tintbagħat ittra lill-Ministru tat-Trasport, u lis-Segretarja Parlamentari tal-Kunsilli Lokali. Council Cab

**Il-kunsillier D.Muscat telaq fis-19:34**

61.3.4 Is-Sindku qal illi hemm offerta għal equipment tal-bandli. Se jara mall-MIDI jekk il-ħlas jista jsir mill-flejjes illi għandom marbutin mall-ftehim tas-CSR.

61.3.5 Is-Sindku qal illi hemm problemi kbar fuq l-iskart. Fil-ġranet illi ġew qal illi l-Manaġer tal-iskart tar-Reġjun avza li ħarġu ma 10,000 ċitazzjoni fir-Reġjun sa' April, izda sar jaf minn Awtorita ta' infurżar illi ġewwa Tas-Sliema ħarġu biss 10 f'tlett xhur. Hemm problemi oħra għalhiex qatt am intbagħtet Work Plan, kameras għadom mas waslux, il-problemi bil-Condiminiums, u tal-ħwienet għadom applikabbli. Qal ukoll tlabna li nibdew niġbru fit-8pm izda ma kien hemm l-ebda risposta. Gbir tal-iskart

Kien hemm diskussjoni wkoll dwar il-ġabra tal-Ħadd. Kien hemm ftehim illi din ma ssirx izda il-ġabra tas-Sibt tibda fis-7pm minflok. Kien hemm qbil. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għanda ssir talba u x'aktarx bidla fil-legal notice wkoll kif kien isir qabel.

**Il-kunsilliera K.Wain u D.Soler waslu għall-ħabta ta' 20:15. Huma kien talbu li jkunu skużati u għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv kien informa dwar it-talba tagħhom fil-bidu tal-laqgħa.**

## 61.4 MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

61.4.1 Ma kien hemm l-ebda rapport għad-diskussjoni. Kkie

## 61.5 RAPPORTI

61.5.1 Ma kien hemm l-ebda kumenti.

## 61.6 ITEMS OĦRA

61.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi sabiex toħroġ it-tender ta' Ferrobay għandu bzonn ikun jaf min se jkunu l-Associated Officers. Wara diskussjoni kien hemm qbil se jkunu s-sur Mark Scerri Simiana [MTA] u l-kunsilliera P.Radmilli u D.Soler.

61.6.2 Fuq punt 61.6.1 is-Sindku qal illi tenders dejjem qegħdin joħolqu problemi għalhiex l-evalwaturi mhumiex qegħdin jagħmlu l-parti tagħhom avolja s-Segretarju Eżekuttiv jibgħat reminders.

61.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi Cleansing talbu biex il-meter tiġi trasferita fuq il-Kunsill. Il-kunsillier P.Radmilli qal din għanda tapplika għal kull Kunsill u diġa għanda ġlieda bi meters oħrajn. Kien hemm qbil illi ma tiġix trasferita.

61.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi intbagħtet korrespondenza mingħand The NoteBook fejn offrew li għall-prezz ta' €5,000 jagħtu servizzi b'xejn lir-residenti fuq affarijiet illi jiġu jiswu sa massimu ta' €150 kull persuna. Din tapplika għal sena u wieħed għandu juri l-I.D card

tiegħu. Persuna tista tmur izjed minn darba, u l-kumpanija se tieħu ħsieb flyers u distribuzzjoni wkoll.
Kien hemm qbil.

61.6.5 Is-Sindku qal illi ġew restawrati l-bankijiet li kienu fejn issa hemm l-outdoor gym u ttieħdu sa Ġnien Independenza. Se jkun hemm bankijiet tal-konkos issa fil-gym.

61.6.6 Il-kunsillier K.Wain qal illi hemm periklu fejn il-funtana tal-pont ġewwa Ġnien Independenza. Is-Sindku qal hemm railings u huma l-ġenituri li għandom jaraw illi t-tfal tagħhom ma jaqbzux fuqhom.

61.6.7 Fuq is-suġġett tal-funtana, is-Sindku għamel referenza għall-Water Sculpture li se ssir minflok u li saru testijiet tal-blatt. Is-Sindku qal se jitkellem mat-Turiżmu sabiex jaħdmu fuqha fis-sajf.

61.6.8 Is-Sindku qal illi mhux se titkompla x-xogħol ġewwa triq il-Kbira fis-sajf. Il-kunsilliera K.Wain u D.Soler ma qablux għax se toħloq inkonvenjenza. Il-kunsillier K.Wain qal illi kien intqal meta ħadu l-ġurament illi l-Gvern Ċentrali se jieħu ħsieb it-toroq kollha izda insew Tas-Sliema. Is-Sindku ma qabilx miegħu u avza li saru Viani, Manoel Dimech, triq Sant'Elena u Kurunell Savona waqt illi bdiet High street u hemm oħrajn illi għandom isiru fil-tlett snin illi ġejjin illi l-kunsillier huma kolla informati bihom. Fuq triq il-Kbira qal illi fis-sajf mhux permissibli ssiru trinek fit-toroq fis-sajf, waqt illi bħala kumpens se jgħinu biex isiru siġar fit-triq u pavimentar quddiem il-knisja.

61.6.9 Il-kunsillier J.Dougall staqsa dwar Lower High str. Is-Sindku qal informajna f'laqgħat preċedenti li se ssir mill-Kunsill.

61.6.10 Il-kunsillier J.Dougall qal hemm ħsarat fejn il-Bus Stop ta' Peppi's. Is-Sindku informa li sar xogħol mill-MTA, izda sar ħazin u indunajna bil-ħsarat għal darb'oħra l-għada.

**Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għaddew tlett sigħat. Kien hemm qbil illi l-laqgħa titkompla.**

61.6.11 Il-kunsillier staqsa jekk se jsiru xogħolijiet oħra ġewwa triq Bisazza. Is-Sindku qal jixtieq jara għeluq tal-proġett kollu, inkluż umbad id-dawl li se jara ma' EneMalta sabiex isir mingħandom, għal wara l-aħħar tas-sajf.

61.6.12 Il-kunsillier J.Dougall staqsa dwar il-lattrini pubbliċi għax-Xatt. Is-Sindku qal bdiet il-proċedura mall-Lands izda permess diġa għandna mill-Planning.

61.6.13 Il-kunsillier E.Borg staqsa dwar il-proposta tal-pontoons. Is-Sindku qal iddispjaċih li tlett kunsilliera biss kienu preżenti għall-Press Conference. Qal ukoll illi kieku kella ssir se taffetwa lil tal-festi.

61.6.14 Il-kunsillier A.Galea għamel referenza għar-rapport tal-Contracts Manager fuq il-ġbir tal-iskart fejn qal m'hemmx Work Plan. Is-Sindku kien diġa għamel referenza għal din qabel u hu l-kuntrattur via r-Reġjun li għandu jibgħat il-Work Plan.

61.6.15 Il-kunsillier D.Soler staqsa x'se jsir bl-iskips. Is-Sindku qal illi se jieħu ħsieb u fakkar illi meta l-Kunsill xtaq jagħmel skips taħt l-art max-Xatt, ir-residenti ma qablux.

61.6.16 Il-kunsillier D.Soler staqsa dwar il-kiosks. Kien hemm qbil illi għanda ssir Bye-Law li ma jiġux fil-lokalita ħlief għall-festi. Il-kunsillier P.Radmilli għamel referenza għal Bye-Law fuq vetturi kummerċjali li saret izda ma jiftakarx jekk qatt irċevejna li mhix approvata. Is-Segretarju Eżekuttiv qal ma rċevejniex approvazzjoni izda rrid jiċċekja jekk ma qablux magħha jew jekk ma wassal xejn.

61.6.17 Il-Kunsillier P.Radmilli qal illi saru Alighting/Boarding barra Boutique Hotels. Wara diskussjoni kien hemm qbil illi ssir pressjoni biex dawn ma jkomplux jieħdu parking fil-lokalita.

61.6.18 Is-Sindku qal illi GRTU oġġezzjonaw mall-proposta sabiex l-Alighting and Boarding ġewwa x-Xatt titnaqqas b'madwar 80 metru. Qal TM jaqblu.

61.6.19 Il-kunsillier P.Radmilli għamel referenza għas-siġar illi tħawwlu max-Xatt li issa mietu. Qal illi kien talab illi ssir handover. Is-Segretarju Eżekuttiv qal kien għamel kuntatt mall-kuntrattur u l-kuntrattur tal-Kunsill, izda l-kuntrattur tal-Kunsill mid-dehra qatt ma mar. Kien avzat illi hu responsabbli għalihom wara Novembru, u kien parti mit-tender. Il-kunsillier P.Radmilli talab illi l-kuntrattur jagħmel siġar ġodda.

61.6.20

Il-kunsillier P.Radmilli talab illi waqt kull laqgha jiġi Perit ta' proġett tal-kunsill biex jagħti updates. Kien hemm qbil nibdew bil-proġett quddiem is-Salesjani.

61.6.21 Is-Sindku qal illi ħadd ma kien wera interess rigward l-escooters u b'hekk se napprovaw il-lista tal-Bolt. Is-Sindku għamilha ċara mat-TM illi rrid inneħħihom mill-Promenade.

**61.7** **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI/SOTTO KUMITATI**

61.7.1 Ma kien hemm l-ebda rapport

**61.8** **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

61.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-invoice tal-Public Conveniences għanda tiġi rranġata u b'hekk il-Kunsill qabel li mhix se tkun approvata.

61.8.2 Il-kunsillier E.Borg ippropona li l-PAS tiġi approvata minghajr dak ta punt 61.8.1. Il-kunsillier D.Soler issekondaħ. Kien hemm qbil unanimu fost kunsilliera prezenti.

**61.9** **MOZZJONIJIET**

61.8.3 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

**61.10** **TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

61.9.1 Is-Seduta ntemmet fl-22:25. Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2023.

61.10.1 Minuti approvati llum 14 ta' Ġunju 2023

(IFFIRMATA) (IFFIRMATA)

**John Pillow** — **Sindku**

**Anthony Attard** — **Segretarju Eżekuttiv**